14 ta' Diċembru, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Fortunata Maggi *versus* Rosina Coleiro

**Bejgħ — Żball — Mandat — Prokura n-Bjank — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 1019 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-iżball biss fuq il-persuna ma jirrendix il-ftehim null ħlief meta l-għażla tal-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim, jiġifieri meta l-istipulazzjoni tkun saret bħala effett ta' dak l-iżball talment illi, kieku ma kienx hemm dak l-iżball, il-kuntratt ma kienx isir.*

*F'każ ta' bejgħ x'aktarx illi l-konsiderazzjoni tal-persuna taz-zerrej hija indifferenti; però jista' jagħti l-każ illi l-individwalità ta' wieħed mill-kontraenti tkun il-kawża principali ta' l-obbligazzjoni tal-parti l-oħra. Fil-każ preżenti ġie ritenut illi l-venditriċi ma setgħetx issostni t-talba tagħha għall-annullament tal-bejgħ fuq il-motiv ta' żball dwar il-persuna tax-xerrej, għax jirriżulta li għaliha kien indifferenti min kellu jkun ix-xerrej u illi l-kawża għamlitha biex tikkuntenta u fl-interess ta' ħadd ieħor.*

*L-espressjoni fiċ-ċitazzjoni "u fuq raġunijiet oħra validi fil-liġi" ma tikkostitwix kawżali ċerta u ċara, u għalhekk ma tistax tiġi meħuda f'konsiderazzjoni.*

*Il-prokura li wieħed jiffirma mingħajr ma jkun fiha l-isem tal-mandatarju tfisser li min jiffirmaha jkun irrimetta ruħu għall-persuna li lilha jkun ikkunsinna dik il-prokura dwar il-għażla tal-mandatarju; u l-persuna li tkun hekk irċeviet dik il-prokura in bjank titqies bħala li hija l-mandatarju sakemm dik il-prokura tibqa' f'idejha. Għalhekk ma hemmx ebda abbuż ta' poteri meta tiġi firmata prokura simili, u l-persuna li jkollha f'idejha dik il-prokura, anki b'dik il-lakuna, timla l-vojt hija stess, anki jekk dan tagħmlu billi tikteb l-isem tagħha nfisha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tal-25 ta' Novembru 1944 hija ġie rappreżentata mill-konvenuta Rosina Coleiro bħala prokuratriċi tagħha; u f'dak l-att ġiet mibjugħa minn għand l-istess Rosina Coleiro, assistita mill-istess żewġha, u a favur ta' l-istess żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li tagħha l-istess Rosina Coleiro hija konsorti, il-kwota tad-dar il-Furjana, St. Thomas Street, nru. 113, li tappartjeni lill-istess attriċi, u ċjoè tlieta minn sitta u ħamsin parti ndiviżi; u illi dan il-bejgħ huwa annullabili għall-abbuż tal-mandat u għar-raġunijiet oħra validi fil-liġi; u illi fil-prokura oriġinali li ffirmat l-attriċi l-isem tal-mandatarju kien għadu in bjank u l-attriċi qatt ma nnominat lill-konvenuta Rosina Coleiro bħala prokuratriċi tagħha, u fehmet li din kienet qiegħda tixtri u mhux tbiegħ il-fond; talbet illi l-kuntratt fuq indikat jiġi dikjarat null u ta' l-ebda effett in kwan-

kwantu għall-kwota ta' l-istess attriċi, sija a kawża ta' abuż ta' mandat, sija għal raġunijiet oħra validi fil-liġi; bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Jannar 1949, li biha ġiet miċħuda t-talba ta' l-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi kif jirriżulta mid-depożizzjoni tal-konvenuta Rosina Coleiro u minn dik tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri, mogħtijin fil-kawża msemmija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Rosina Coleiro, dina għall-ewwel kienet sejra tixtri l-kwota ta' l-attriċi u l-kwoti l-oħra li ġew mibjugħin mill-fond fuq imsemmi in forza tal-kuntratt fuq indikat; il-konvenuta Rosina Coleiro mbagħad biegħet dawk il-kwoti kollha lir-raġel ta' l-istess Rosina Coleiro, u dina dehret fuq l-att bħala mandatarja ta' l-attriċi, oħtha, u tal-komproprjetarji l-oħra kollha li biegħu sehemhom, sabiex tbiegħ dawk l-ishma lill-imsemmi żewġha;

Illi bis-sentenza mogħtija fil-kawża fuq imsemmija ġie dikjarat null u ta' bla ebda valur legali l-bejgħ magħmul mill-konvenuta Rosina Coleiro, ta' sehemha mill-fond fuq imsemmi lil żewġha Vincenzo Coleiro, għar-raġuni illi l-istess Rosina Coleiro qatt ma kienet ġiet awtorizzata mill-Qorti kompetenti biex tbiegħ il-fond lil żewġha. Fl-istess sentenza jingħad li "fil-kontrattazzjoni sar malintiż kbir, u b'hekk lanqas ma sar preċiżament dak li l-attriċi (il-konvenuta Coleiro f'din il-kawża) riedet li jsir", jiġifieri, skond l-imsemmija sentenza, fil-waqt li dina Rosina Coleiro riedet tixtri, fil-fatt saret kuntrattazzjoni li biha hija biegħet minflok xtrat;

Illi f'din il-kawża l-attriċi, oħt il-konvenuta Rosina Coleiro, qiegħda tipprova tannulla l-bejgħ li sar in forza tal-kuntratt fuq imsemmi għal dak li jirriferixxi ruħu għall-kwota tagħha, għar-raġuni li hija riedet tbiegħ dik il-kwota tagħha mill-fond lill-oħtha, il-konvenuta Rosina Coleiro, u mhux lir-raġel ta' dina;

Illi skond l-art. 1019 (2) tal-Kodiċi Ċivili, l-iżball biss fuq il-persuna ma jirrendix il-ftehim null ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il kawża ewlenija ta' dak il-ftehim, jiġi-

fieri meta l-konsiderazzjoni tal-persuna tkun il-motiv prinċipali tal-konvenzjoni, fi kliem ieħor, jekk l-istipulazzjoni tkun saret bħala effett ta' dak l-iżball, talment illi kieku ma kienx hemm dak l-iżball il-kuntratt ma kienx isir. Trattandosi ta' vendita, x'aktarx illi l-konsiderazzjoni tal-persuna tkun indifferenti. Bħala regola, l-isem tal-venditur jew tal-kumpratur ma jimporta xejn; l-oġġett prinċipali tal-konvenzjoni tkun il-ħaġa jew il-prezz. Però, anki f'kuntratt ta' vendita, l-indiviḋwalità ta' wieħed mill-kontraenti tista' tkun il-kawża prinċipali ta' l-obligazzjoni tal-parti l-oħra, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti, jekk wieħed għandu jilmenta li kien hemm żball fuq il-persuna, kien jista' jingħad li dak l-iżball kien sostanzjali, għaliex jista' jagħti l-każ illi l-attriċi ma kienetx tbiegħ kieku l-kumpratriċi ma kienetx oħtha, għar-raġuni li l-fond joħroġ mill-familja; u lanqas ma kienet tbiegħ kieku kienet taf li kien sejjer jixtri r-raġel ta' oħtha, għall-istess raġuni fuq indikata, billi f'każ ta' bejgħ lil dana seta' jkun hemm l-irkupru ta' terza persuna u b'hekk il-fond joħroġ mill-familja; u anki fil-każ li l-attriċi kkuntentat li tbiegħ lir-raġel ta' oħtha billi kkunsidrat lil dana u lil oħtha ħaġa waħda, seta' ta l-każ li dana kienet għamlitu billi kienet tinjora li f'każ ta' bejgħ lir-raġel ta' oħtha u mhux lill-oħtha, kien ikun hemm lok għall-eżerċizzju tar-retratt da parti tal-konvenuta Vincenti;

L-iżball dwar il-kawżi li kkonsiljaw lill-attriċi biex tbiegħ, il-fatt jiġifieri li kienet taħseb li l-bejgħ ma kienx sejjer ikollu l-konsegwenza li fil-fatt kellu, mhux tali li skond il-liġi jivvizja l-kunsens; però fil-każ preżenti l-iżball dwar l-eżistenza tad-dritt ta' l-irkupru da parti tal-konvenuta Vincenti fil-każ li l-fond jiġi mibjugħ mhux lill-oħt l-attriċi, imma lir-raġel tagħha, seta' ta importanza għall-konsiderazzjoni tal-persuna, u dak l-iżball tal-liġi seta' jkun il-kawża prinċipali li jġiegħel lill-attriċi tagħti l-kunsens tagħha sabiex il-fond jinbiegħ lir-raġel ta' oħtha;

Illi però, mill-provi jirriżulta illi kien indifferenti għall-attriċi jekk tbiegħx lill-oħtha jew lir-raġel ta' oħtha; u lanqas ma ħasset li għandha titlob l-annullament tal-bejgħ għar-ra-

ġuni li bil-fatt li l-bejgħ sar lir-raġel ta' oħtha spunta l-irkupru tal-konvenuta Vincenti; jirriżulta li hija ma kenitx tagħmel din il-kawża kieku ma ġagħlithiex oħtha, il-konvenuta Rosina Coleiro. U difatti l-attriċi xehdet............;

Illi jirriżulta ċar mill-kumpless tal-provi illi l-interess f'din il-kawża mhux ta' l-attriċi, imma tal-konvenuta Coleiro. L-attriċi għamlet din il-kawża għall-annullament tal-kuntratt, fuq imsemmi, għal dak, naturalment, li jirrigwarda l-kwoti tagħha, mhux għaliex ma kenitx tikkuntratta kieku kienet taf li l-bejgħ kien sejjer isir lir-raġel ta' oħtha, jew kieku kienet taf illi l-bejgħ lir-raġel ta' oħtha seta' jġib bħala konsegwenza l-eżerċizzju tad-dritt ta' retratt da parti tal-konvenuta Vincenti, imma sempliċement u merament biex taqdi lill-oħtha, li trid assolutament illi l-imsemmija Vincenti ma tkunx tista' tkompli teżerċita d-dritt tagħha li tirkupra l-fond. Naturalment hija aċċettat li taqdi l-oħtha għaliex tippreferixxi u tixtieq li d-dar tkun ta' oħtha; imma din is-sempliċi xewqa tagħha ma tagħtihiex id-dritt skond il-liġi li tannulla l-kontrattazzjoni. Kif intqal, l-interess f'din l-azzjoni huwa tal-konvenuta Rosina Coleiro, u mhux ta' l-attriċi li għamlet l-azzjoni; u intant huwa risaput illi l-azzjoni tippresupponi interess dirett, personali u leġittimu;

Illi l-konvenuta Rosina Coleiro waqt it-trattazzjoni orali tal-kawża ssottomettiet in sostanza illi x-xhieda ta' l-attriċi ma tistax tippreġudika l-azzjoni, u dana minħabba l-kważi-kuntratt ġudizzjali;

Illi però, il-kważi-kuntratt ġudizzjali ma jimportax dak li tridu jimporta l-imsemmija konvenuta Coleiro, jiġifieri illi jekk l-attur f'kawża jixhed b'mod li minħabba dik ix-xhieda tiegħu l-azzjoni tirriżulta insostenibili, dik ix-xhieda ma għandhiex tiġi atteża. Il-kważi-kuntratt ġudizzjali, li jiġi furmat bil-kontestazzjoni tal-liti, jimporta d-determinazzjoni irrevokabili tat-termini tal-kontroversja, li kwindi ma jistax jiġi modifikat wara;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tagħha miġjuba fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti, skond ma jidher mill-premessi taċ-ċitazzjoni, qiegħda tibbaża t-talba tagħha mħabba l-abbuż tal-mandat minnha pretiż, billi fil-prokura oriġinali, minnha firmata l-isem tal-mandatarju kien għadu in bjank, u billi hija qatt ma nnominat lill-konvenuta Rosina Coleiro bħala prokuratriċi tagħha, u fehmet li din kienet qiegħda tixtri u mhux tbiegħ il-fond. Għalkemm fiċ-ċitazzjoni jingħad li t-talba hija wkoll bażata "fuq raġunijiet oħra validi fil-liġi", din mhix kawża ċara u ċerta kif titlob il-liġi, u għalhekk ma tistax tiġi meħuda in konsiderazzjoni (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Bonaci vs. Wismayer" tat-18 ta' Novembru 1933);

Ikkunsidrat;

Illi ma kien hemm ebda irregolarità billi meta l-appellanti iffirmat il-prokura, l-isem tal-mandatarju kien għadu in bjank; anzi l-istess liġi (art. 1962 tal-Kodiċi Ċivili) tawtorizza li jsir hekk; u tkompli tgħid li sakemm ma jiġix imniżżel l-isem tal-mandatarju, min ikollu f'idejh l-iskrittura mingħajr dak l-isem għandu jitqies li huwa l-mandatarju. Huwa evidenti li min jiffirma prokura mingħajr ma jkun fiha l-isem tal-mandatarju, ikun qiegħed jirrimetti ruħu għall-persuna li lilha jikkonsenja dik il-prokura għall-għażla tal-mandatarju. Għalhekk ma sar ebda abbuż billi l-appellanti ffirmat il-prokura meta kien għad ma kienx fiha l-isem tal-mandatarju, u lanqas ma kien hemm dak l-abbuż meta dak il-vojt ġie mimli bl-isem ta' l-istess persuna li lilha l-appellanti kienet ikkunsinnat dik il-prokura, li sakemm damet f'idejha, għalkemm b'dik il-lakuna, kellha titqies li kienet il-mandatarja skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi jingħad ukoll fiċ-ċitazzjoni illi meta l-prokura fuq imsemmija ġiet firmata mill-appellanti, dina fehmet li l-appellata Rosina Coleiro kienet sejra tixtri u mhux tbiegħ, bħal ma ġara. Fi ftit kliem l-appellanti qiegħda tallega l-iżball tagħha biex tannulla, in kwantu għall-kwota tagħha, il-bejgħ li sar bil-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni billi hija fehmet li hija

kienet qiegħda tbiegħ lill-oħtha, l-appellata Rosina Coleiro, u mhux lir-raġel tagħha. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, skond il-liġi (art. 1019 (2) tal-Kodiċi Ċivili), il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża prinċipali ta' dak il-ftehim, u għalhekk dan ma kienx isir ħlief ma' dik il-persuna. Fil-każ in eżami jirriżulta pruvat mill-istess xhieda ta' l-appellanti (fol. 31) li għaliha kien indifferenti jekk il-bejgħ isirx lill-oħtha Rosina Coleiro jew lir-raġel tagħha; u kompliet tgħid l-istess appellanti li hija ma tridx tħassar innegozju li sar, li dina l-kawża għamlitha għax imġagħla mill-imsemmija Rosina Coleiro oħtha, u li għalkemm kienet tippreferixxi li l-fond ikun ta' oħtha, ma kienetx sejra tiċċaqlaq biex tagħmel din il-kawża, non ostanti l-irkupru eżerċitat mill-appellata Vincenti, kieku ma kienetx imġagħla minn oħtha. Minn dawn iċ-ċirkustanzi jirriżulta illi l-iżball pretiż ma jistax jiġi meqjus tali li skond il-liġi, kif fuq imfissra, jista' jagħti lok għall-annullament mitlub biċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk, kif sewwa sostniet l-Ewwel Qorti, l-interess f'din il-kawża huwa biss ta' l-appellata Rosina Coleiro, u kwalunkwe adeżjoni da parti ta' din ma' dak li l-appellanti qiegħda ssostni u titlob biċ-ċitazzjoni ma jistax jagħti lok għall-allegat kważi-kuntratt ġudizzjali, billi hemm fin-nofs l-appellata Vincenti, li qatt ma aċċettat, anzi dejjem opponiet, in-nullità mitluba biċ-ċitazzjoni, u li ma tistax tiġi preġudikata fid-drittijiet tagħha bl-ebda kollużjoni bejn il-partijiet l-oħra fil-kawża;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti.

---